MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1656/2001/1

**Stencil Pave (Malta) Limited**

**vs**

**Dr. Maria Deguara bhala Sindku u Paul Gatt bhala Segretarju ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Naxxar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 17 ta’ Ottubru 2001 fejn esponiet: -

Illi s-socjeta' attrici giet inkarigata mill-Kunsill Lokali konvenut sabiex tezegwixxi appalt ta' xoghlijiet ta' Construction *of Plateau and Resurfacing Works,* derivanti mit-tender numru 01/00 mahrug mill-istess Kunsill Lokali konvenut;

Illi l-imsemmija xoghlijiet gew debitament ikkompletati mis-socjeta' attrici, illi pprezentat il-kont finali taghha lill-Kunsill Lokali konvenut (Dokument A), fis-somma kumplessiva ta’ Lm17,286.80;

Illi l-Kunsill Lokali konvenut sallum hallas lis-socjeta` attrici biss is-somma akkont ta' disat elef liri Maltin (Lm9,000) u ghalhekk il-Kunsill Lokali konvenut ghadu debitur lejn l-istess socjeta' attrici fis-somma bilancjali ta' tmint elef, mitejn u sitta u tmenin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm8,286.80);

Illi *nonostante* interpellat diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata s-26 ta' Settembru 2001, u debitament notifikata fid-29 ta' Settembru 2001, il-Kunsill Lokali konvenut baqa’ inadempjenti minghajr ebda raguni jew eccezzjoni valida fil-ligi.

Jghid, ghalhekk, il-Kunsill Lokali konvenut 'il ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tikkundanna lill-Kunsill Lokali konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef, mitejn u sitta u tmenin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm8,286.80), jew somma ohra verjuri li tigi talvolta likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' esperti nominandi, rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tax-xoghlijiet ezegwiti mill-istess socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-Kunsill Lokali konvenut, kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata s-26 ta’ Settembru 2001, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-9 ta' Marzu 2000, u cjoe` mid-data illi fiha gie pprezentat il-kont finali, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-Kunsill Lokali konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta’ Jannar 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Maria Deguara Sindku u Paul Gatt Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar datata 28 ta’ Novembru 2001 (fol 17) fejn esponew: -

1. Illi f’talba tas-socjeta` attrici kif imposta kontra l-konvenut hija nulla *stante* illi l-Kunsill Lokali tan-Naxxar ma ghandux rapprezentanza guridika imma s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom tal-Kunsill Lokali huma r-rapprezentanti guridici u dan abbazi tal-artikolu sebgha u ghoxrin (27) tal-Att XV ta' 1993 l-Att li jipprovdi ghat-twaqqif ta' Kunsilli Lokali;

2. Illi t-talba tas-socjeta` attrici hija preskritta *ai termini* tal-Ligi u dan abbazi tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili Kapitoli 16.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt *stante* illi x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti tant li l-kulur ma ghadux hemm u l-*istencil paving* nizel tant li sparixxa;

4. Illi dan il-progett kellu jkun il-gojjel tal-pjazza tan-Naxxar li tant huwa ikrah li qisu inghata tarmak normali u l-effett li kien gie imwieghed spicca f'qasir zmien;

Rat ir-rikors tal-Stencil Pave (Malta) Limited datata 17 ta' Dicembru 2001 a fol 21 tal-process fejn is-socjeta` esponenti talbet korrezzjoni fl-atti processwali f' din il-kawza billi *a tenur* tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddahhlu l-kliem "Dr. Maria Deguara, bhala Sindku, u Paul Gatt, bhala Segretarju Ezekuttiv, ghan-nom u in rapprezentanza ta'" quddiem il-kliem "Kunsill Lokali Naxxar", kull fejn jidhru fl-atti processwali f'din il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2002 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Norval Desira ghas-socjeta` attrici u deher Paul Gatt f'isem il-Kunsill Lokali konvenut assistit minn Dr. Martin Fenech. B' referenza ghar-rikors imressaq mis-socjeta` attrici fis-17 ta' Dicembru 2001 Dr. Martin Fenech iddikjara li mhux qed jopponi ghat-talba. Il-Qorti rat l-Artikolu 175 tal-Kap 12 u laqghet it-talba u ordnat illi kull fejn jidher l-isem tal-Kunsill konvenut jidhlu quddiemu l-kliem li gejjin: "Dr. Maria Deguara, bhala Sindku, u Paul Gatt bhala Segretarju Ezekuttiv, ghan-nom u in rapprezentanza

ta'". Dr. Martin Fenech laqa' l-atti kif mibdula u rrinunzja ghal kull terminu filwaqt li irtira l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2003 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet iddikjaraw illi ma fadlilhomx provi izjed xi jressqu dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u talbu lill-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2003; u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2003 u inghatat sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn il-Qorti :

*"Tichad it-tieni eccezzjoni tal-Kunsill imharrek bhala mhix imsejsa sewwa fil-fatt u fil-ligi, bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra tieghu;*

*u Tordna li s-smigh tal-kawza jissokta bil-gbir tal-provi fil-mertu."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici Stencil Pave (Malta) Limited datata 24 ta' Jannar 2008 a fol 208 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kunsill Lokali Naxxar datata 26 ta' Marzu 2008 a fol 216 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2008 (fol 229) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw ulterjorment. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Ottubru 2008; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-27 ta'

Novembru 2012 fejn il-kawza giet differita ghall-ghoti tas-sentenza ghat-13 ta’ Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Alex Schembri ghas-socjeta` attrici. Imsejhin is-socjeta` konvenuta u l-Avukat difensur baqghu ma dehrux. Dr. Schembri ddikjara li l-kawza tista’ tibqa’ imhollija ghas-sentenza fuq il-provi u noti li jinsabu fil-process. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Settembru 2013.

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fit-8 ta’ Awwissu 2013 (fol 255) fejn Il-Qorti rat l-artikolu 173 tat-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Rat l-atti kollha tal-process. Ikkonsidrat li peress li l-mertu jolqot kwistjonijiet ta' natura teknika, hu mehtieg ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, li jigi nominat Perit Tekniku sabiex jezamina t-talbiet attrici fid-dawl tat-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut. Ghalhekk irrevokat *contrario imperio* d-digrieti precedenti in kwantu li hallew il-kawza premessa ghas-sentenza fuq il-mertu, u konsegwentement issospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza. Wara li rat l-Artikolu 644 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hatret lill-Perit David Pace A & C.E., a spejjez provizorjament tas-socjeta' attrici, bhala Perit Tekniku fil-kawza premessa, sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici fid-dawl tat-tielet u tar-raba' eccezzjonijiet tal-Kunsill Konvenut, u ghal dan l-iskop ghandu jiehu konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet li jirrizultaw mill-process. Il-Perit m'ghandux jisma' jew jigbor provi godda imma ghandu jaghmel ir-rapport fuq il-provi gja migbura. Ordnat komunika ta' dan id-Digriet lill-Perit David Pace u lid-Difensuri tal-partijiet li ghandhom jikkomunikawh lill-mandanti

taghhom. Il-Qorti thalliet il-kawza ghas-27 ta' Settembru 2013 fid-9.30am. ghar-rapport jew ghall-informazzjoni.

>>>>>>>

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti pprezentat fis-6 ta' Settembru 2013 (fol 265) u mahluf fid-19 ta' Novembru 2013.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 30 ta' Jannar 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-Av. Alex Schembri ghas-socjeta' attrici. Il-Kunsill Lokali ntimat u l-Av. Martin Fenech imsejhin tliet darbiet ma dehrux. L-Av. Alex Schembri ddikjara li qed jirrimetti ruhu ghar-rapport tal-Perit

Tekniku li jinsab esebit a fol 265 *et seq* tal-process. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-12 ta' Gunju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Qabel xejn tghid li din il-kawza, flimkien ma numru ta' kawzi ohra, giet assenjata lil din il-Qorti b'surroga tas-16 ta' Jannar 2013 u z-zmien intervenjenti kien mehtieg sabiex tigi espletata perizja teknika u sabiex il-partijiet jezaminaw ir-rapport u, okkorrendo, jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom relattivi.

Din is-sentenza ser tindirizza l-mertu tal-kaz peress li l-eccezzjonijet preliminari gja gew sorvolati.

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-ammont ta' tmint elef, mitejn u tmienja u sittin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm8,268.80) lilha dovuti bhala bilanc ta' somma akbar ta' Lm17,286.80, appalt ta' xoghlijiet ta "*Construction of Plateau and Resurfacing Works*" derivanti mit-tender numru 01/00 fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Il-Kunsill konvenut ressaq diversi eccezzjonijiet kemm ta' natura procedurali, kif ukoll li t-talba attrici hija preskritta *a tenur* tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili ta' Malta, u li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Illi fil-qosor, il-kumpanija attrici tqabbdet mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar biex taghmel xoghlijiet f'misrah ewlieni fin-Naxxar u qeghda tfittex ghall-hlas tal-bilanc *stante* li l-Kunsill hallas pagament ta' disat elef lira Maltija (Lm9,000). Jirrizulta li fl-ewwel jiem tas-sena 2000, il-kumpanija attrici kienet inhatret b'offerta (*tender*) mill-Kunsill konvenut biex twettaq appalt ghall-bini ta' *plateau* u xoghol ta' kisi ta' wicc Misrah il-Vittorja fin-Naxxar. Fid-9 ta' Marzu 2000, meta intemmu x-xoghlijiet, il-kumpanija attrici harget fattura ghall-hlas tal-imsemmija xoghlijiet[1] u fil-15 ta' Marzu 2000 il-Kunsill hallas disat elef lira (Lm9,000) akkont. Din il-kawza qed issir ghall-pagament tal-bilanc shih dovut.

**PROVI PRODOTTI**

[1] **Dok "A"** a fol. 5-11 tal-process.

**Paul Gatt,** is-Segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan- Naxxar, xehed[2] dwar kuntratt bejn il-partijiet fil-kawza. Ikkonferma dokument mahrug mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar datat it-12 ta' Gunju 2001[3] fejn il-Kunsill qed jaccetta li hemm bilanc dovut lis-socjeta' attrici ta' Lm8,286.80.

**Xehed Vincent Borg,** Direttur tal-Kumpanija ***V&C Contractors Ltd.***,[4] u kkonferma li fis-sena 2000 il- Kumpanija tieghu ezegwit xi xoghlijiet fil-pjazza ewlenija tan-Naxxar, fuq inkarigu tal-Kumpanija Stencil Pave (Malta) Ltd., dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'xoghol ta' tqeghid ta' tarmac. Ix-xoghol sar taht is-sorveljanza tal-Kumpanija Stencil Pave Malta Ltd., kif ukoll tal-nies mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Fir-rigward ix-xoghol li tqabbdu jaghmlu permezz tal-Kumpanija Stencil Pave Malta Ltd., gie redatt kuntratt mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Minbarra x-xoghol li sar mill-Kumpanija tieghu, jaf ukoll li l-kumpanija Stencil Pave Malta Ltd., ghamlet xi xoghol ta' kulur fuq it-tarmac li kienu qieghdu huma u *stencilling* fuq parti ta' l-istess tarmac.

Waqt ix-xoghol ma saru l-ebda ilmenti min-naha tal-Kunsill Lokali, anzi pjuttost il-kontra. Huwa spjega li x-xoghlijiet li ghamlet il-Kumpanija tieghu saru fuq ordnijiet tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Ix-xoghol sar fuq marki/indikazzjonijiet li saru fl-art fejn kellu jsir ix-xoghol.

Il-kumpanija tieghu kienet intalbet ukoll verbalment sabiex tezegwixxi xi *extra works,* minghalih tarmac izjed u anke fit-trinka. Izda, hu kien jishaq

---

[2] Seduta tal-11 ta' Gunju 2003, a fol.41 et seq. tal-process.
[3] **Dok"SPI "** a fol.33 tal-process.

[4] Seduta tat-2 ta' April 2004 a fol.56 et.seq.tal-process.

mal-Kumpanija Stencil Pave Malta Ltd., li ssir referenza bil-miktub fir-rigward dawn ix-xoghlijiet.

Dawn ix-xoghlijiet addizzjonali kienu jordnawhom kemm *Stencil Pave Ltd.* kif ukoll il-Kunsill Lokali flimkien fil- prezenza tieghu stess, u fil-prezenza tas-Sindku tan-Naxxar Angelo Xuereb, il-Perit tal-Kunsill Samuel Formosa, u s-segretarju ezekuttiv Paul Gatt. Kien ikun prezenti wkoll il-Perit tal-Kumpanija Stencil Pave u cioe' Lino Cachia.

Huma bhala *V&C Contractors Ltd*., ipprezentaw il-kont lill- Kumpanija *Stencil Pave* meta x-xoghol kien lest (**Dok A** ezebit mac-citazzjoni) li kien ibbazat fuq ir-rati li kienu nghataw meta hareg it-*tender*. Ma jafx jekk dawn ir-rati gewx ifissati minn qabel bil-miktub jew inkella miftehma bil-fomm biss.

Meta gie pprezentat il-kont thallsu Lm6,000 akkont u Arthur Farrugia f'isem Stencil Pave qalilhom li l-bilanc tal-kont kellu jithallas meta l-Kunsill Lokali tan-Naxxar ihallas lil Stencil Pave. Pero' hu kien insista li l-hlas isir xorta wahda peress li hu kellu kuntratt ma' Stencil Pave.

Qal li kien sar qbil fir-rigward ir-rati li *"kienu meqjusa bhala ragonevoli."*

**Arthur Farrugia,** Direttur tas-socjeta' *Stencil Pave (Malta) Ltd.,* xehed permezz ta' affidavit[5] u qal li l-kuntratt li inghata lill-Kumpanija tieghu mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar kien ghall-kostruzzjoni ta' *Plateaux u Raised Zebra Crossing* f' Misrah ir-Rebha u xoghol ta' *Resurfacing* fi Triq il-Habs, Naxxar.[6]

[5] Ezebit a fol. 63 tal- process
[6] **Dok. SP1** .

Dan il-kuntratt kellu jitwettaq skont il-kundizzjonijiet imsemmija fid-dokumenti annessi mat-*tender* originali u bil- prezzijiet li gew ikkwotati fil-*Bill of Quantities* li kienu baghtu mal-offerta taghhom (**vide Dok SP2**). Huma kienu bi hsiebhom li jqabbdu lil *V&C Contractors Limited* sabiex jezegwixxu l-maggoranza tax-xoghlijiet, hlief ix-xoghol dekorattiv fuq il-wicc.

Kienu nfurmaw lill-Kunsill bin-nomina ta' *V&C Contractors Limited* bhala sub-appaltaturi taghhom (**Dok SP3**). Kienu talbu lil *V&C Contractors Ltd* biex taghtihom ir-rati taghhom ghal dan ix-xoghol (**Dok SP4**) li gie ppreparat mill-Perit Robert Sant flimkien ma' rapprezentant ta' *V&C Contractors Limited.*

Fil-*Bill of Quantities* li taw lill-Kunsill Lokali kienu ziedu wkoll il-5% *Management Fee* u l-*Profit Margin* tal- Kumpanija taghhom.

Spjega li dan ix-xoghol kien urgenti, peress li l-Kunsill ried li jkun lest qabel l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Ghalhekk ix-xoghol kellu jitlesta f'perjodu anqas minn xahar, taht is-supervizjoni tad-ditta tal-Periti Sant & Mugliett, kif ukoll tas-subappaltatur tad-ditta tal-Periti Cachia & Formosa, li kienu l-Periti mqabbda mill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku tal-Kunsill, Angelo Xuereb kien gieli jzur il-lant tax-xoghol u kien anke verbalment ordna xoghlijiet zejda. Meta lesta x-xoghol fil-hin il-Kumpanija *Stencil Pave* harget il-kont ghal-kuntratt shih ibazat fuq il-*Bill of Quantities* ippreparat mid-ditta tal-Periti Sant & Mugliett (**Dok SP5**) li kien jammonta ghal Lm17,286.80 u li a bazi tieghu hargu l-kont taghhom

fid-9 ta' Marzu 2000 (**Dok A ezebit mac-citazzjoni**). Dan il-kont ma kienx gie accettat mid-ditta tal-Periti Cachia & Formosa li hargu kont separat **(Dok SP6**) fejn naqsu l-kont originali taghhom ghal Lm13,281.93.

Fid-9 ta' Marzu 2000 il-Kunsill Lokali hargu pagament akkont ta' Lm9,000 li minnhom il-kumpanija Stencil Pave zammet Lm2,000 u ghaddiet il-bilanc ta' Lm7,000 lil V&C Contractors Limited (Dok SP7), li baghtet *invoice* (Dok SP8).

Saru diversi diskussjonijiet principalment bejn il-periti rispettivi tal-partijiet dwar il-kont finali. Fl-ahhar, il-Periti tal- Kunsill irrevedew il-kont finali ghal Lm16,384.21. Izda l- Kunsill ma hallas xejn iktar mid-Lm9,000.

Il-Kunsill baqa' jinsisti li ma riedx ihallas il-kont taghhom, minkejja li tawhom skont ulterjuri.

In kontro-ezami (fol. 149) xehed illi x-xoghol ta' *stencil paving* li l-Kumpanija tieghu giet mitluba taghmel, ma saritx minnha stess, izda gew persuni mill-Germanja sabiex jaghmlu dan ix-xoghol huma. Kemm il-Germanizi, kif ukoll *V&C Construction Ltd* gew sub-appaltati mill-Kumpanija attrici. Hu qal li l-kumpanija tieghu qatt ma ghamlet xoghol simili qabel.

Qal li meta hadu l-kuntratt kienu kunfidenti li x-xoghol jitlesta fiz-zmien utli, pero' waqt ix-xoghol bdew johorgu problemi per ezempju, l-iskoperta' tal-gibjun fil-pjazza ta' taht il- knisja li minhabba fih ix-xoghol ha zvolta differenti.

L-ewwel darba li sar jaf bl-ilmenti tal-Kunsill Lokali kien xhur wara li ntemm l-appalt. Il-problemi kienu tnejn. Wahda kienet tirrigwarda l-lewn ta' l-*istencil paving,* u t-tieni ilment kien jirrigwarda l-fatt li t-triq infethet qabel iz-zmien u b'hekk ma nghatatx zmien biex ix-xoghol jilhaq joqghod.

**Il-Perit Arkitett Robert Sant** (fol. 115 tal-process) xehed illi jahdem mad-ditta tal-periti Sant & Mugliett, u kienu gew imqabbda fir-rigward is-supervizjoni ta' l-appalt mertu tal-kawza odjerna mill-Kumpanija attrici. Hadu struzzjonijiet mill-Kunsill. Hargu l-*Bill of Quantity*, saret l-approvazzjoni mill-Kunsill u mbaghad taw struzzjonijiet biex jibda x-xoghol. Sa fejn jaf hu kien hemm ftehim intern bejn l-kumpanija attrici u *V&C Contractors* dwar kif kellu jsir ix-xoghol kif ukoll ir-rati miftehma ghax-xoghol li kellu jsir mis-*sub-contractor.*

F'dak iz-zmien l-istruzzjonijiet dwar ix-xoghol kien qed jinghata mis-sindku Angelo Xuereb. Mistoqsi jekk waqt ix-xoghol kienx hemm xi ilmenti min-naha tal-Kunsill wiegeb li aktarx le.

Gie muri Dok **SP5 f'pg. 88 sa 94,** il-kont, u meta mistoqsi x'gara wara li nhareg dan il-kont irrisponda li l-Kunsill ma kienx awtorizza xi whud mix-xoghlijiet.

Iddikjara li sa fejn jaf hu l-kwistjoni ta' l-ammont dovut qatt ma giet rizolta bejn il-partijiet f'din il-kawza u *"qatt ma kien hemm qbil dwar il-kontegg jew kont finali bejn id-ditta taghna ta' periti u d-ditta tal-periti mqabbda mill-Kunsill lokali."*

Sussegwentement, il-Perit Sant rega' xehed darb'ohra u b'referenza ghad-Dok SP4 (pg. 81 sa 87) qal li l-kitba f'pagna 87 hi tieghu.

Rega' xehed (fol. 164) u qal li l-ilmenti tal-Kunsill huma fis-sens li qed jigi reklamat hlas ta' xoghol li sar li l-Kunsill qed jghid li ma hatar lil hadd biex jaghmlu. Dan minbarra l-fatt li l-kulur ta' l-i*stenciling* ittaffa.

Xehed il-**Perit Lino Cachia** (fol. 120), li jahdem ma' Sant & Mugliett Architects. Fir-rigward il-kawza odjerna ddikjara li kellu l-inkarigu li jhejji l-pjanti dwar il-*plateau* li kellha ssir fil-pjazza ewlenija tan-Naxxar, jiehu hsieb is-sistema tal-qlib ta' l-ilma, kif ukoll li jaghmel pjanti ghal-*loading base* fl-inhawi.

Ix-xoghol principali ta' *V&C Contractors* kien it-tqeghid tat-tarmak. Ghamlu ukoll l-formazzjoni tal-*plateau*, u hadu hsieb xoghol fir-rigward qlib ta' l-ilma fil-pjazza. Il-Kumpanija attrici hadet hsieb il-process ta' l-i*stencilling.* Il- Perit Cachia kien ikun fuq il-lant tax-xoghol. Qal li ma kienx hemm ilmenti fir-rigward xoghol hazin jew dewmien fit-twettiq tax-xoghol. Id-*dead-lines* kienu ntlahqu.

Il-Perit xehed darb'ohra (fol. 133) u ddikjara li x-xoghlijiet li kienu mitluba originarjament jinsabu **f'Dok SP4** f'pagna 81 tal-process.

Parti mix-xoghlijiet zejda kien l-estensjoni ta' xoghlijiet ta' drenagg ta' ilma li jaqa' fuq il-pjazza. Id-dokumenti li jinsabu a fol. 90 u 99 tal-process juru x-xoghlijiet zejda li ntalbu li jsiru.

Ix-xoghol kollu, kemm dak originali u kif ukoll dak mizjud sar kollu mill-kumpanija *V&C Contractors Ltd*. bhala sub-appaltat.

Ix-xoghlijiet zejda generalment saru permezz ta' *direct orders.* Hafna drabi dawn it-talbiet ghas-servizzi saru mis- Sindku stess.

Ix-xoghlijiet zejda kollha kienu gew kwantifikati mill-Periti Cachia & Formosa li dak iz-zmien kienu mqabbdin mill- Kunsill Lokali konvenut.

Id-Dokument li jinsab a fol. 88, 89 u 90 jirrapprezenta kwantifikazzjoni mahruga mill-ufficju taghhom rigward ix-xoghol kollu li sar in konnessjoni mal-progett mitlub mill- Kunsill Lokali konvenut.

Id-Dokument **SP6** f'pg. 95 u 96 hija l-kwantifikazzjoni li saret mill-Periti Cachia & Formosa f'isem il-Kunsill Lokali konvenut.

L-ilmenti min-naha tall-Kunsill konvenut bdew wara li tlesta x-xoghol u dan kien waqt li kienet ghaddejja l-elezzjoni tal- Kunsill.

Il-kejl tax-xoghlijiet li saru fl-appalt kien zgur prezenti.

Id-Dokument mahrug mid-ditta tal-Periti rapprezentata minnu ma kienx gie accettat mill-Kunsill Lokali konvenut u kien ghalhekk li Cachia & Formosa kienu hargu kont. Id-differenza ewlenija bejn il-konteggi hi dwar l-gholi tal- *plateau.*

Id-Dokument **SP9** f'pg. 103-105 datat 6 ta' Dicembru 2000, huwa kont mahrug mid-ditta tieghu fis-6 ta' Dicembru 2000 wara li kien analizza l-kont tal-Periti Cachia & Formosa fl-10 ta' Marzu 2000 (Dok SP6 f'pg 95 u 96). Dokument **LC1**[7] **/SP9** juri ammont finali li hu inqas mil-kont li originarjament id-ditta tieghu harget fis-7 ta' Marzu 2000.

L-ilmenti li saru mil-Kunsill Lokali kienu jirrigwardaw l-ammont u mhux il-kwalita` ta' xoghol li sar.

Rega' xehed (fol. 159) u meta gie mistoqsi fir-rigward is-supervizjoni tieghu fil-progett ta' l-appalt jekk kienx ghamel xoghol iehor bhalu wiegeb fl-affermattiv ghar-rigward ix-xoghol ta' tqeghid ta' tarmak, pero' fir-rigward l-*istencilling,* dan kien l-ewwel progett ta' l-ghamla tieghu f' Malta.

**Paul Gatt,** Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan- Naxxar, xehed permezz ta' affidavit li jinsab esebit a fol. 167 tal- process.

Iddikjara li f'Jannar 2000 il-Kunsill Naxxar hareg offerti biex isir *plateau* u *raised zebra crossing* f'Pjazza Vittorja kif ukoll xoghlijiet ta' asfaltar fi Triq il-Habs. Is-Socjeta' attrici kienet offriet li taghmel *plateau* permezz ta' *printed asfalt.* Kull ma sar kien il-*plateau* biss, minkejja l-fatt li t-*tender* hareg ghax-xoghlijiet kollha. Qal ukoll li wara ftit il-kulur beda jitlaq u x-xoghol ma kienx tal-kwalita` li xtaq il-Kunsill. Hu kkonferma li waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol kienu jkunu prezenti hu stess, is-Sindku, il-Works Inspector, il-Perit tal-Kunsill, il-Perit Lino Cachia apparti haddiema tas-socjeta' attrici u esperti Germanizi.

[7] Fol. 128-131 tal-process.

Meta gie applikat il-kulur, u mill-inqas il-gurnata u l-lejl ta' wara l-pjazza baqghet maghluqa ghat-traffiku. Is-socjeta' attrici ma nfurmawhomx li l-*plateau* kellu jinghalaq ghat-traffiku ghal diversi granet jew gimghat imma biss li z-zebgha kellha tithallha tinxef ghal xi gurnata jew tnejn. Il-pjazza infethet ghat-traffiku fil-11 ta' Marzu 2000 (il-gurnata tal-elezzjonijiet tal-Kunsill) filwaqt li x-xoghol tlesta fid-9 ta' Marzu 2000.

Wara ftit granet ra li l-kulur swied u kien jidher li qed jitlaq. Iz-zebgha kien qed jitnehha bil-*wear and tear* ikkawzat mill-karrozzi. Ghamlet ix-xita u l-kulur rega' hareg ftit imma mhux bil-lewn originali. Hu tkellem ma' Arthur Farrugia dwar dan u difatti l-attur gab *technician* Germaniz ftit gimghat wara biex jezamina x-xoghol. It-*technician* wera li ma kienx kuntent u mit-test li ghamel wera li l-asfalt kien issettilja. Skont ix-xhud it-*technician* kien ried li s-saffi kellhom isiru iktar baxxi biex ikun hemm inqas *settlement.*

Rega' xehed (fol. 190) u qal li d-decizjoni dwar kemm kellu jghola l-*platea* u ttiehed mill-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mal-periti tieghu. Ftakar ukoll li l-ghada li kien sar ix-xoghol tal-*istencilling* xi hadd kien gibidlu l-attenzjoni li kien hemm marki ta' roti ta' vettura fil-pjazza li suppost kienet maghluqa. Izda dwar dan ma setax jghid jekk hu jew xi hadd ghamlux xi verifika.

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku A.I.C. Joseph Ellul Vincenti</u>**

Fl-istadju ahhari tal-proceduri, din il-Qorti nnominat lill-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici fid-dawl

tat-tielet u tar-raba' eccezzjonijiet sollevati, u dan *stante* n-natura teknika tal-kaz.

Il-Peritipprezenta r-rapport tieghu fis-6 ta' Settembru 2013 (fol 266 - 274 tal-process.)

Wara li ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu, l-Espert ikkonkluda li "*l-ilmenti tal-konvenuti, cioe` t-tielet u r-raba' eccezzjoni m'humiex sostenibbli u ghandhom jigu michuda."*

Qal ukoll li "*is-somma dovuta lill-Stencil Pave Malta Limited ghandha tkun dik is-somma miftehma bejn il-periti Sant & Mugliette u l-perit tal-Kunsill konvenut (il-Perit Formosa), cioe` €16,344.16 u mhux is-somma arbitrarjament milhuqa mill-atturi ta' €17,286.80. Ta' min jghid ukoll li r-rati ta' xoghlijiet dovuti lil V & C Contractors Ltd. ghandhom ikunu dawk ir-rati miftehma ma' Stencil Pave Malta Ltd. u mhux ir-rati li Stencil Pave Malta Ltd. kien miftiehem mal-Kunsill Lokali (Naxxar.)*

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti b'Apprezzament tal-Provi***

Illi qabel xejn tikkoregi l-ammonti dikjarati mill-Perit peress li l-ammont huma mfissra minnu fil-munita ewro mentri effettivament, billi din il-kawza giet intavolata qabel is-sena 2004, l-ammont mitlub huwa f'liri Maltin.

Illi l-kaz in kwistjoni jikkonsisti f'talba ghall-hlas ta' xoghlijiet in ezekuzzjoni ta' kuntratt ta' appalt. Jirrizulta mill-provi li l-Kunsill Lokali

(Naxxar) kien hallas akkont ta' Lm9,000 lis-socjeta` attrici wara li x-xoghlijiet kienu gew konkluzi u sar ftehim fuq il-kont bejn il-periti tal-kontendenti.

Riferibbilment ghar-**raba' eccezzjoni** sollevata, ma jirrizultax mill-provi li s-socjeta' attrici ma zammitx mat-termini moghtija u ghalhekk din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni mhix ippruvata.

Riferibbilment ghal-lanjanza dwar il-kwalita' tax-xoghol moghti, *stante* n-natura teknika tal-kwistjoni, din il-Qorti ser tadotta u taghmel taghha r-rapport tal-Perit Ellul Vincenti. L-espert wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu wara li ezamina l-process u d-dokumenti u noti teknici esibiti, kif ukoll id-DVD esibit minn fejn seta' jikkonstata x-xoghlijiet kif kienu attwati peress li altrimenti, minhabba t-trapass taz-zmien, dan ma kienx ikun aktar possibbli. Tinnota li ma saret l-ebda talba sabiex il-perit jixhed in eskussjoni jew ghall-hatra ta' periti perizjuri mill-konvenuti filwaqt li l-attur, *tramite* d-difensur tieghu, irrimetta ruhu.

Kif inghad fis-sentenza "***Richard Falzon vs Construct Furniture Limited"*** (Prim'Awla  Onor Imhallef Raymond C. Pace deciza fis-7 ta' Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati, il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti m'hijiex obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u ghandha dritt li tiskartah, kif tista' tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li ghandu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova. ("***John Saliba -vs- Joseph Farrugia,***" Appell deciz fit-28 ta' Jannar

2000; "***Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud***," Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001).

Skont l-**Artikolu 681, Kapitolu 12,** il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie deciz, izda, illi :-

*"Dan ma jfisserx pero` illi l-Qorti tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* ("***Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998).

Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi: *"F' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-dispozizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati"* – "***Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine*****",** Appell, 9 ta' Frar 2001.

Fil-kaz odjern, din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida ghaliex ghandha tiskarta r-rapport tal-espert taghha fid-dawl tal-provi u tas-sottomissjonijiet ollha u b'hekk qed taghmel taghha u taddotta l-istess rapport.

Ghaldaqstant ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici  b'dan li l-bilanc dovut qed jigi likwidat fl-ammont ta' Lm7,344.16 ossia €17,107.29 billi l-ammont originali ghandu jirrifletti l-ftehim milhuq bejn il-periti li kienu jirrapprezentaw, lill-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **Tichad** it-tielet u r-raba' talbiet tal-Kunsill Konvenut bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u tiddisponi mit-talbiet attrici billi:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tikkundanna lill-Kunsill Lokali konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sbatax-il elf, mija u seba' ewro u disa' u ghoxrin centezmu (€17,107.29) likwidata minn din il-Qorti rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tax-xoghlijiet ezegwiti mill-istess socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-Kunsill Lokali konvenut u  bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu mill-Kunsill Lokali Naxxar.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------